MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
IAN SPITERI BAILEY**

Seduta ta' l-1 ta' Jannar, 1900

Talba Numru. 1801/2005

**FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**DR IAN SPITERI BAILEY LL.D. LL.M.
GUDIKATUR**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 18 ta' Mejju 2006**

**Numru fuq il-lista :**

**Talba Numru : 1801/05**

**Perit Raymond Vassallo I.D. 107544(M)**

**Vs**

**Rainbow Mix Concrete Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-11 ta' Ottubru 2005, fejn intalab li ls-socjeta` konvenuta tigi kkundannata thallas lill-attur is-somma ta' elf, tliet mija u sittin Liri Maltin (Lm1360), ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-attur sabiex is-socjeta` konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment, is-socjeta` konvenuta naqset u ma dehritx la fis-seduta tad-9 ta' Mejju 2006, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tal-attur tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur s-somma ta' elf, tliet mija u sittin Liri Maltin (Lm1360) kif mitluba fl-Avviz.

L-ispejjez ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mis-socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------